**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 453/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 40**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Katrina Rose Nelson (ID 223706L)**
**13, Triq ir-Rand,**
**Attard**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-19 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand l-konvenuta l-hlas ta' sitt mija u wiehed u

tmenin ewro u hames centezmu (€681.05) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40305253.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin ewro u hames centezmu (€681.05c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali jew l-Avviz tat-Talba skond liema wiehed jigi l-ewwel, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**